# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta’ Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - April 2012 - Nru. 354

Għeżież,

**Dan hu l-Jum li għamel il-Mulej, ħa nifirħu u nithennew fih, Alleluia!** Żmien il-Għid huwa ż-żmien fejn infakkru l-Imħabba ta’ Ġesu’ lejn l-umanita’, meta ta lilu nnifsu għalina bil-passjoni u l-mewt tiegħu. Pero’, ma waqfitx hemm din l-Imħabba, għax kif kien qal *Wara tlett ijiem inqum mill-Imwiet.* Din hi l-Wegħda ta’ mħabba ta’ Ġesu’ lejna l-Bnedmin.

Il-mistoqsija ta’ l-irġiel li dehru lid-dixxipli nisa ssir lid-dinja tagħna ta’ llum. Dan hu l-misteru li qed niċċelebraw: il-misteru tal-Għid. Aħna nifhmu li Ġesu’ kellu jbati u jmut, iżda wkoll li kellu jqum mill-imwiet, kif jgħidilna San Ġwann l-Evanġelista f’Kapitlu 20, vers 9. Mela bħall-Appostlu San Ġwann aħna nemmnu li Ġesu’ qam mill-mewt, u nemmnu wkoll li m’hijiex ġrajja ta’ l-imgħoddi biss, imma li Ġesu’ rxoxt għadu magħna. Kif ser insibuh lil Kristu Rxoxt? Insibuh billi nkunu ‘għaġna ġdida’, jiġifieri li ngħixu l-ħajja nisranija tagħna kif jixtieqna hu. Li nkunu mnaddfa mid-dnub tagħna u naraw lil Kristu li qam u għadu magħna fost il-ħajjin, anzi fina stess li



għandna l-grazzja ta’ Kristu li rċevejniha dak in-nhar tal-magħmudija tagħna.

Difatti San Pawl ukoll ifakkarna li aħna irxuxtajna ma’ Kristu, u għalhekk jeħtieġ li lkoll kemm aħna ngħixu dan il-qawmien spiritwali billi nfittxu l-ħwejjeġ tas-sema, u mhux il-ħwejjeġ tal-art. Ngħixu, iva, l-ħajja ta’ din l-art, pero’ b’ħarsitna ‘l fuq bit-tama li għad nidhru flimkien ma’ Kristu fil-glorja. J’Alla l-festa tal-Qawmien ta’ Kristu ma tkunx biss sempiċi ġrajja, imma li nkomplu nissaħħu spiritwalment permezz tal-Qrar u l-Ewkaristija.

Tkunu Mbierkin!
P.Joseph Mamo ofm Conv

## Ħsieb Spiritwali

# Il-Beatu Ġwanni Pawlu 11 – *Is-Saċerdozju*



Il-Beatu Ġwanni Pawlu 11, fil-ktieb 'Don u Misteru', li huwa kiteb f'egħluq il-ħamsin sena tas-saċerdozju tiegħu, jgħid illi s-snin ta' l-okkupazzjoni Ġermaniża tal-punent tal-Polonja u ta' l-okkupazzjoni Sovjetika tal-lvant tal-Polonja ġabu magħhom għadd kbir ta' arresti u deportazzjonijiet ta' saċerdoti Pollakki fil-kampijiet ta' konċentrament. F'Dachau biss kien hemm xi tlett elef internati. Kien hemm kampijiet oħra bħal dak ta' Aushwitz, fejn offra ħajtu għal Kristu l-ewwel saċerdot kanonizzat wara l-gwerra, San Massimiljanu Marija Kolbe, Franġiskan. Fost il-priġunieri ta' Dachau insibu lill -Isqof Mons. Michal Kozal, li Ġwanni Pawlu 11 stess ibbeatifika fl-1987. Wara l-gwerra, xi saċerdoti li kienu priġunieri f'kampijiet ta' konċentrament saru isqfijiet. Anki saċerdoti Ġermaniżi messithom l-istess xorti. Wieħed minnhom, P. Karl Leisner, ġie ordnat saċerdot fil-kamp tal-konċentrament fl-1944, u wara l-ordinazzjoni rnexxielu jqaddes biss quddiesa waħda.

Ġwanni Pawlu 11 jgħid illi minn din il-ġrajja kiefra u traġika *'is-saċerdozju tiegħi, sa mill-bidu tiegħu, jinsab miktub fis-sagrifiċċju kbir ta' tant irġiel u nisa ta' żmieni. Il-Provvidenza lili ħelsitni minn esperjenzi l-aktar kiefra, għalhekk, id-dejn tiegħi hu wisq akbal mal-persuni magħrufin minni u wkoll ma' dawk il-ħafna li mhux magħrufa minni, li bis-sagrifiċċju tagħhom fuq l-artal ta' l-istorja, taw sehemhom biex isseħħ il-vokazzjoni tiegħi. B'xi mod huma qabbduni din it-triq għax urewni x'inhi d-dimensjoni tas-sagrifiċċju, il-verita' l-aktar għolja u l-aktar essenzjali tas-saċerdozju ta' Kristu.'*

Fl-1 ta' Novembru 1946, Karol Josef Wojtyla irċieva l-Ordni Sagri mill-

Arċisqof ta' Krakow, il-Kardinal Adam Sapieha. Kien jum mhux tas-soltu, għax kien Jum il-Qaddisin Kollha. Imma intgħażlet dik il-ġurnata għax Karol kellu jitlaq lejn Ruma biex ikompli l-istudji tiegħu. Kien waħdu, fil-kappella privata ta' l-isqfijiet ta' Krakow. Ma kienx hemm nies, ħlief xi ftit qraba u ħbieb. Waqt li Karol kien qiegħed jiġi ordnat saċerdot, il-ħsibijiet tiegħu marru fuq Jerzy Zachuta, seminarista bħalu li fi żmien l-okkupazzjoni Ġermaniża kien, bħalu, jmur jgħin bil-moħbi lil Arċisqof fil-quddiesa. Darba ma marx jgħin u wara Karol sar jaf li kienu ġabruh il-Gestapo biex jiġi ffuċillat. Ġwanni Pawlu 11 jikteb li *'ma stajtx ma niftakarx f'dan ħija fil-vokazzjoni saċerdotali, li Kristu mod ieħor ried isieħbu fil-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħu.'*

Dwar is-saċerdot jitkellem hekk, *' M'hemmx dubju li s-saċerdot, flimkien mal-Knisja kollha, jimxi ma' żmienu, u jisma' kollox bi tjieba u attenzjoni, iżda b'mod kritiku, kulma qed iseħħ fl-istorja.....Jien żgur li s-saċerdot m'għandux jibża' li jkun 'barra żmienu'.....Jekk ngħarblu t-tamiet li l-bniedem ta' llum għandu fis-saċerdot, naraw li, fl-aħħar mill-aħħar, hemm biss tama waħda kbira: il-bniedem ta' llum għandu għatx ta' Kristu. Il-bqija – il-meħtieġ f'livell ekonomiku, soċjali, politiku – il-bniedem jista' jfittxu mingħand oħrajn. Iżda 'l Kristu jitolbu minn għand is-saċerdot! U għandu dritt jistennieh minn għandu, l -aktar permezz tat-tħabbira tal-Kelma.....Is-saċerdot hu xhud speċjali ta' Dak li ma jidhirx fid-dinja....Dejjem f'kuntatt ma' Alla, is-saċerdot jeħtieġlu li hu stess isir qaddis. Dan ifisser il-ħtieġa speċifika fis-saċerdot ta' l-ispirtu tal-kunsilli evanġeliċi tal-kastita', tal-faqar u ta' l-ubbidjenza....Is-saċerdot jeħtieġlu jkun, fuq kollox, bniedem ta' talb. It-talb joħloq lis-saċerdot, u s-saċerdot jinħoloq bit-talb.'*

*Dan l-artiklu huwa r-raba' wieħed minn sensiela li għandna dwar il-Beatu Gwanni Pawlu 11........nkomplu xahar ieħor*

Għall-mili tal-formoli tat-Taxxa, l-RA 1
tal-bdiewa, taxxa proviżorja eċċ,
ċempel fuq 79636343 jew ibgħat email fuq
scibby67@gmail.com




**Il-Ħadd 1  Ħadd il-Palm.  Jum dinji taż-Żgħażagħ.**
Fit-8.15am Qabel il-quddiesa jsir it-Tberik tal-friegħi taż-Żebbuġ fuq iz-zuntier. It-tfal huma mħeġġa jilbsu lbies Lhudi. Issir purċissjoni minn fuq iz-zuntier għall-Knisja.
8.30am Quddiesa solenni
Ikompli l-Bażaar tal-Għid.

**It-Tnejn 2**  Fis-7.00pm fil-Quddiesa ssir Ċelebrazzjoni Penitenzjali
Fit-8.00pm Ikla Lhudija fiċ-Ċentru. Min se jattendi jħalli ismu fis-sagristija.

**It-Tlieta 3**  Fis-7.00pm Quddiesa fejn jingħadu t-tlett Salmi fuq il-Passjoni ta' Kristu miktubin minn San Franġisk

Fit-8.00pm — Via Sagra fit-Toroq tal-Parroċċa. Nibdew minn Triq San Pawl Milqi għal Triq P. Wistin Magro, Triq Magħsar, Triq Burmarrad sal-Knisja.

**L-Erbgħa 4**  Fis-7.00pm Quddiesa bil-ħsieb fuq it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid.
Fis-7.15pm Nitilqu minn ħdejn il-Knisja biex nattendu l-Via Sagra Nazzjonali Djoċesana. Ikollna t-trasport meħtieġ.
Min hu nteressat jattendi jħalli ismu fis-sagristija

**Il-Ħamis 5  Ħamis ix-Xirka**
Fis-7.30am Talb Komunitarju
Bejn il-5.30pm u s-7.00pm ikollna servizz tal-qrar.
Fis-7.00pm Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-ħasil tar-riġlejn, li tkun animata mill-Kor tal-Parroċċa. Wara jkollna r-repożizzjoni ta' l-Ewkaristija fl-artal.
Fit-8.30pm Adorazzjoni Komunitarja

**Il-Ġimgħa 6  Il-Ġimgħa l-Kbira**
Jum ta' Sawm u Astinenza
Fis-7.30am Talb Komunitarju
Fl-10.00am Adorazzjoni Komunitarja għat-Tfal kollha
Fis-2.30am Via Sagra u fit- 3.00pm Ċelebrazzjoni tal-Passjoni tal-Mulej
Tibda n-Novena tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 7** **Sibt il-Għid**

Fis-7.30am Talb Komunitarju
Bejn is-6.00pm u t-8.00pm ikollna servizz tal-qrar
Fit-8.00pm Ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid bil-magħmudijiet.
Tkun animata bil-Kant mill-Kor tal-Parroċċa.
Ser imexxi Mons.Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca.

**Il-Ħadd 8** **L-Għid il-Kbir**

Fit-8.30am wara l-Quddiesa jsir it-tberik tal-figolli u l-ħelu tal-Għid

**It-Tlieta 10 Jibda t-Tberik tal-Familji.**
Ara l-fuljett li qiegħed jitqassam separat.
Attivita' għat-tfal kollha tal-Parroċċa. Fid-9.00am niltaqgħu fil-Bitħa tal-Kunvent. Nimxu lejn il-Kappella ta' San Mikiel sabiex fl-10am nibdew il-Quddiesa u wara mmorru Kennedy Grove. Niġu lura fis-2.30pm.

**Il-Ħadd 15 Festa tal-Ħniena Divina**.
10.30am Laqgħa tal-Grufan fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fis-6.00pm Tibda l-Adorazzjoni tal-Ħniena Divina u wara toħroġ il-quddiesa.

**L-Erbgħa 18** Fil-5.30pm. Laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

**Il-Ħamis 19** Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali, organizzat mill-Kumitat Festa. Fid-9.00am nibdew b'quddiesa fl-istess Ċentru. Min ser jattendi jħalli ismu fis-sagristija, jew ikellem lil helpers.

**Il-Ġimgħa 20** It-3 laqgħa għall-ġenituri li t-tfal tagħhom ser jagħmlu l-Griżma tal-Isqof fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Tlieta 24** 6.15pm
Adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 28 uL-Ħadd 29**
Ġabra speċjali għall-Parroċċa.



# L-Għid Imqaddes
## Il-bżonn li Jien ukoll inqum mill-mewt!

Wasal l-Għid, u miegħu il-vettrini mimlijin flieles ħelwin, lewn il-lellux, u fniek ta' kull għamla w lewn.

Wasal l-Għid u miegħu il-bajd kbir taċ-ċikkulata u l-figolli mżejnin sbieħ, b'riħa li tiftaħlek l-aptit.

Wasal l-Għid u miegħu ftit vaganzi għat-tfal – nifs mir-rutina tal-iskola u ftit uġigħ ta' ras għall-ġenituri.

U suppost, għalina l-Insara, fuq kollox, wasal l-Għid, jum ta' ferħ kbir, u miegħu il -Qawmien ta' Sidna Ġesù mill-Mewt! Wasal l-Għid u miegħu is-sejħa u l-wegħda ta' bidu ġdid, aħbar tajba li għandha timlina b'paċi kbira u b'serenita' dejjiema. Iżda dan jiddependi minn kemm jien qed nifhem u nemmen tassew il-messaġġ ta' Ġesù Kristu mqajjem. Jew jien ninsab imwaħħal ma' salib li donni ma nistax ninqala' minn miegħu? Jew jien niddubita li Ġesù qam mill-mewt u b'hekk nista' nqum miegħu jien ukoll?

Is-salib għandu sinifikat importanti ħafna għalina l-Insara. Jagħti tifsira lit-tbatija li ngħaddu minna matul il-ħajja tagħna. Is-salib lilna jagħmlilna kuraġġ għax naraw illi anki Ġesù Kristu bata, u bata għalina. Jagħmlilna kuraġġ ukoll għax aħna nemmnu illi meta Ġesù ssammar fuq is-salib miegħu ssammru wkoll id-dnubiet tagħna u b'hekk aħna ma bqajniex ilsiera tad-dnub. Permezz tas-salib ta' Ġesù Kristu aħna ġejna meħlusin. B'hekk is-salib għalina ma jfissirx biss tbatija, iżda jfisser ukoll ħelsien. U dan hu l-punt li rriflettejt ħafna fuqu meta kont qed naħseb dwar l-Għid – Il-Ħelsien.

Tajjeb li nkunu sinċieri magħna nfusna u naħsbu dwar kemm tassew inħossuna meħlusin? Jew nippreferu nibqgħu imwaħħlin mas-salib għax hekk donnu jkollna skuża biex ma nagħmlu xejn – għax wara kollox wieħed x'jista' jistenna li jagħmel xi ħadd li qiegħed imsammar? Ma jista' jagħmel xejn – jista' joqgħod passiv! M'għandux għażla, m'għandux kontroll! Lanqas Ġesù Kristu m'għamel xejn f'dak il-mument meta salbuh fuq is-Salib! Allura se nagħmel jien?

"Kif nista' Ġesù, b'din il-marda li ġiet fuqi meta l-inqas kont qed nistennieha? Jekk tagħtini l-grazzja li jgħaddili, forsi Ġesù, forsi mbagħad immidd idi fl-għalqa tiegħek".

"Kif nista' nagħmel xi ħaġa Ġesù b'dawn it-tfal jeqirdu u jiġru ma' saqajja mingħajr ma jagħtuni nifs"?

"La jikbru forsi, Ġesù', forsi jkolli ftit ħin għalik, imma mhux għalissa.

Kif nista' Ġesù, nqum miegħek, meta nħossni mtaqqla b'dan iż-żwieġ li dħalt fih? Jekk żewġi jinbidel, iva Ġesù, nipprova, imma mhux issa".

"Le Ġesù, għalija l-Għid se jasal kif wasal fi snin oħra, imma biex induq il-figolli u l-bajd tal-Għid, iżda jien se nibqa' nwaħħal hawn fuq is-salib".

Iżda Ġesù Kristu qed jistiednek u jħeġġek biex tinżel minn fuq dak is-salib li fil-ħajja tiegħek qed isammrek u jifnik; qed jgħidlek li s-salib fih sens għax warajh kien hemm il-Qawmien. Ġesù qed jistiednek toħroġ minn ġol-qabar u tirxoxta miegħu. L-Għid għalhekk jiġi – ma jiġix biss biex infakkru li Ġesù qam mill-mewt iżda biex inqumu aħna wkoll. B'hekk ma jibqax tifkira ta' ġrajja t'elfejn sena ilu izda jsir xi ħaġa attwali, li qed tiġri llum, għalija u għalik! Din hi l-aħbar tajba tal-Għid!



U lil uliedna kemm qed ngħaddulhom dan il-messaġġ? Jew qed nenfasizzawlhom aktar is-sagrfiċċju mill-ħelu (jekk għadna naslu s'hemm) u ma nenfasizzawlhomx l-aħbar it-tajba! Forsi tgħiduli, mela t-tfal se jifhmu dan il-messaġġ? U jien ngħid li iva jifhmuh, jekk aħna nispjegawlhom, iżda fuq kollox jekk aħna tassew nemmnuh. Jekk jien dejjem neqred u ngerger u l-festa tal-Għid se tiġi u tmur u fil-ħajja tiegħi ma tagħmel l-ebda differenza, uliedi mhumiex se jifhmu dan il-messaġġ tal-Għid, lanqas jekk nipprova ngħaddihulhom bil-kliem. Iżda jekk lili jarawni ferħana u qed nibda mill-ġdid, jarawni miftuħa għall-oħrajn u lesta biex immidd rasi għax-xogħol anki jekk għandi d-diffikultajiet u t-tbatijiet tiegħi, hemmhekk it-tfal jibdew ukoll jifhmu l-misteru tal-ferħ tal-Għid. Minn qalbi nawguralek li inti wkoll tqum ma' Ġesù' Kristu f'dan l-Għid. Nawguralek li inti ssib il-kuraġġ li tinżel minn fuq is-salib u tħallieh jeħilsek, tħallieh jaqlagħlek l-imsiemer tal-mard tiegħek, tad-dnub teigħek, tad-dwejjaq tiegħek, ta' dak kollu li lilek qed iżommok imsallab, u b'hekk inti tkun tista' tqum u titwieled mill-ġdid!

**Il-Komunita' tal-Patrijiet flimkien mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw l-Għid it-Tajjeb lill-Familji kollha tal-Parroċċa.**

# Tajjeb Tkun Taf

- Nhar il-ĦADD il-PALM it-Tfal huma mħeġġa jilbsu ta' tfal Lhud għal funzjoni li tibda fit-8.15am fuq iz-zuntier tal-Knisja. Għall-ilbies kellmu lis-Superjura Carmen_Xuereb. Tħallux għall-aħħar.

- 1 t'April 2012 – Bazaar tal-Għid fejn issibu Figolli u Pjanti u diversi oġġetti oħra.

- Seba' Viżti organizzati mill-Parroċċa tagħna. It-tluq ikun minn ħdejn il-Knisja fit-8.30pm ta' nhar il-5 t'April 2012. Ħallu isimkom fis-sagristija.

- Il-Kappillan u l-familja tiegħu jixtiequ jirringrazzjaw lil Parruċċani kollha tat-talb u s-sogħba li wrejtu fit-telfa ta' missierhom li ingħaqad mal-Mulej fil-11 ta' Marzu 2012.

- Ikomplu jintlaqgħu donazzjonijiet għall-projector tal-Power Point fil-Knisja u t-TV u c-CD player taċ-Ċentru. Is-somma globali hi ta' 1105euro.

- Ma' Leħen il-Parroċċa qed jintbagħtu skedi sabiex jimtlew minn kulħadd. Ħudu ħsieb imlewha biex tingħabar mill-Kappillan waqt it-tberik. Jekk jogħġobkom imlew id-dettalji kollha.

- Dawk kollha li ser jiżżewġu bejn Ġunju u Diċembru 2012, se issir laqgħa għalihom mal-Kappillan nhar il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012 fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn is-7.30pm u d-9.00pm. Din il-laqgħa hi obbligatorja.

- Nawguraw lil P.Alfons Sammut ofm Conv., exKappillan tal-Parroċċa tagħna li nhar id-29 ta' Marzu, 2012 għalaq 60 sena Saċerdot. Awguri Patri Fons!

- Nawguraw u nifirħu lil Fra Stephen Borg ofmConv tal-Provinċja tagħna li nhar is-Sibt 24 ta' Marzu 2012 għamel il-Pofessjoni Solenni tiegħu. Nitolbu għalih!

- F'dan ix-xahar biss il-librerija tiftaħ fl-14 t'April bejn l-10.00am u 12.00pm.